



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 24.4.2012
SWD(2012) 106 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-Fondi tal-Qafas Strateġiku Komuni –
elementi għal Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija**

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-Fondi tal-Qafas Strateġiku Komuni – elementi għal Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija

Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà: *Dan id-dokument huwa dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea għall-finijiet ta' informazzjoni. Dan tfassal skont il-proposti għar-regolament adottati mill-Kummissjoni Ewropea fis-6 ta' Ottubru 2011, it-12 ta' Ottubru 2011 u fit-2 ta' Diċembru 2011. Dan ma jippreġudikax in-natura finali tal-atti, u lanqas il-kontenut ta' kwalunkwe atti delegati jew ta' implimentazzjoni li jistgħu jitħejjew mill-Kummissjoni. Dan ma jippreżentax pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni, u lanqas ma jantiċipa din il-pożizzjoni.*

1. INTRODUZZJONI

Azzjoni għat-tkabbir u l-impjiegi teħtieġ sjieda fl-aktar livell politiku għoli u mobilizzazzjoni mill-atturi kollha madwar l-Ewropa. Għalhekk is-sħubija ġiet identifikata bħala element ewlieni biex titwettaq l-Istrateġija Ewropa 2020¹.

Għal ħafna żmien, is-sħubija kienet wieħed mill-prinċipji ewlenin għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-Qafas Strateġiku Komuni tal-Unjoni Ewropea (il-fondi tal-QSK). Il-prinċipju tas-sħubija jimplika koperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri u mas-settur privat u t-tielet settur. L-imsieħba għandhom ikunu involuti attivament matul iċ-ċiklu kollu tal-programm — it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Is-sħubija għandha titqies b'rabta mill-qrib mal-approċċ tal-governanza f'diversi livelli u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Governanza f'diversi livelli tfisser azzjoni kkoordinata mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, imsejsa fuq is-sħubija u bil-għan li tfassal u timplimenta l-politiki tal-UE².

Bosta evalwazzjonijiet ġibdu l-attenzjoni fuq il-benefiċċji u l-valur miżjud li tista' toħloq dik is-sħubija fejn jidhru l-implimentazzjoni tal-fondi³, it-tisħiħ tal-impenn kollettiv u s-sjieda tal-politiki tal-UE, iż-żieda fl-għarfien, fil-kompetenza u fil-perspettivi disponibbli waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji, kif ukoll biex tiġi żgurata iktar trasparenza fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjoni. Governanza f'diversi livelli tgħin biex jonqsu d-differenzi fil-kordinazzjoni u l-kapaċità waqt it-tfassil tal-politika fejn għandhom x'jaqsmu l-informazzjoni, ir-riżorsi, il-finanzjament, u l-frammentazzjoni amministrattiva u politika⁴.

Madankollu l-esperjenza turi li hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri fejn tidħol l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija; skont l-istrutturi istituzzjonali nazzjonali u mill-kulturi politiċi. L-effettività tal-prinċipju tas-sħubija tiddependi wkoll mill-abbiltà teknika tal-imsieħba biex dawn jagħtu sehemhom sostanzjalment fil-proċess, u għalhekk tqum il-kwistjoni tat-tisħiħ tal-kapaċità.

Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ippubblikaw għadd ta' riżoluzzjonijiet, opinjonijiet u white papers li jsejħu biex jissaħħaħ il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-fondi⁵. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-fondi tal-QSK⁶ hija mmexxija mill-ħtieġa li l-prinċipju tas-sħubija jkun applikat b'aktar konsistenza.

¹ L-Istrateġija Ewropa 2020, COM(2010) 2020 tat-03.03.2010.

² B'mod partikolari ara, il-Kumitat tar-Reġjuni, White Paper dwar il-governanza f'diversi livelli, CONST – IV – 020, 2009.

³ B'mod partikolari ara n-Netwerk tal-Evalwazzjoni Esperta tal-FSE, ir-Rapport ta' Sintesi Finali, 2011/<http://ec.europa.eu/social/keyDocuments.jsp?type=0&policyArea=0&subCategory=0&country=0&year=0&advSearchKey=evaluationesf&mode=advancedSubmit&langId=en>.

⁴ B'mod partikolari ara s-Sommarju tal-Politika tal-OECD "Bridging the gaps between the levels of government" (Inxejnu d-diskrepanzi bejn il-livelli tal-gvern).

⁵ B'mod partikolari ara l-Opinjoni esploratorja tal-KESE dwar Kif titrawwen sħubija effiċjenti fil-ġestjoni ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni, imsejsa fuq prattiċi tajbin mill-2007 sal-2013, CESE 967/2010.

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-

L-Artikolu 5 tal-abbozz tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (CPR)

- (1) Għall-Kuntratt tas-Sħubija u għal kull programm ieħor rispettivament, Stat Membru għandu jorganizza sħubija ma' dawn l-imsieħba li ġejjin:
 - (a) awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;
 - (b) imsieħba ekonomiċi u soċjali; u
 - (c) korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, inklużi msieħba ambjentali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u korpi responsabbli mill-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.
- (2) F'konformità mal-approċċ tal-governanza f'diversi livelli, l-imsieħba għandhom jiġu involuti mill-Istati Membri fit-tnejn tal-Kuntratti tas-Sħubija u r-rapporti ta' progress u fit-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi. L-imsieħba għandhom jieħdu sehem fil-komitati ta' monitoraġġ għall-programmi.
- (3) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 142 biex tippovdi għal kodiċi ta' kondotta Ewropea li jistabbilixxi l-għanijiet u l-kriterji biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tas-sħubija u biex jiġi faċilitat it-tixrid tal-informazzjoni, l-esperjenza, ir-riżultati u l-prattiki tajba fost l-Istati Membri.
- (4) Mill-inqas darba fis-sena, għal kull Fond tal-QSK, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-imsieħba fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sostenn mill-Fondi tal-QSK⁷.

Barra minn hekk, is-CPR fiha dispożizzjonijiet li jirreferu direttament għas-sħubija jew li huma marbuta ma' dan il-prinċipju fuq il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni.

Skont il-proposti tal-Kummissjoni għall-fondi tal-QSK fil-perjodu 2014-2020, l-Istati Membri se jkollhom obbligu ċar biex jorganizzaw sħubija, iżda l-proċeduri speċifiċi biex jinvolvu l-imsieħba rilevanti fl-istadji differenti tal-programmazzjoni se jitħallew f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Il-kodiċi ta' kondotta Ewropea dwar is-sħubija (ECCP) se jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi li huma meħtieġa biex tinholq sħubija ta' kwalità għolja fl-implimentazzjoni tal-fondi filwaqt li l-Istati Membri jkollhom flessibilità biżżejjed fil-modi kif jorganizzaw il-parteċipazzjoni tal-imsieħba differenti.

Dan id-dokument ta' ħidma tal-persunal għandu jgħin lill-Istati Membri biex ifasslu s-sħubija tagħhom kif xieraq matul ix-xogħol ta' tnejn qabel jiġu adottati r-regolamenti. B'mod partikolari, dan jagħti xi eżempji ta' Prattika tajba dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija, imsejsa fuq is-sejbiet tal-Kummissjoni u diversi mistoqsijiet.

Dan jiddeskrivi wkoll fil-qosor ir-rekwiżiti ewlenin li l-ECCP jista' jkun fih bħala bażi għad-diskussjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, biex jiffaċilitaw il-proċedura leġiżlattiva

Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, COM(2011) 615 finali tas-06.10.2011.

⁷ Il-konsultazzjoni għandha ssir mill-inqas darbtejn matul il-perjodu ta' programmazzjoni għall-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (EMFF), skont l-Artikolu 90 tar-regolament speċifiku tal-fond tal-EMFF.

li għaddejja u biex il-partijiet interessati jitħallew jieħdu sehem f'dan id-dibattitu. L-ECCP għandu jiġu adottat mill-Kummissjoni bħala att delegat, malli jidħol fis-seħħ ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni.

2. LIEMA MSIEĦBA GħANDHOM JINTGĦAŻLU?

Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni jesiġi li l-Istati Membri jorganizzaw sħubija ma' (a) awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, (b) imsieħba ekonomiċi u soċjali u (ċ) korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, inklużi msieħba ambjentali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u korpi responsabbli mill-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Is-sħubija trid tiġi organizzata skont l-istruttura istituzzjonali ta' kull Stat Membru. Fi Stati Membri deċentralizzati, ir-reġjuni se jkunu atturi ewlenin fl-organizzazzjoni tas-sħubija.

Bħala l-ewwel pass fit-tnejn tal-Kuntatt tas-Sħubija u tal-programmi, l-Istati Membri huma rrakkomandati biex jidentifikaw, fil-kontest nazzjonali tagħhom, il-partijiet interessati rilevanti fil-Fondi tal-QSK, l-inċentivi u l-ostakli legali u amministrattivi għas-sħubija u possibbilment modi biex jiġu indirizzati dawn l-ostakli. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll biex jibnu fuq l-istrutturi nazzjonali/reġjonali/lokali eżistenti ewlenin tas-sħubija biex jonqos kemm jista' jkun ix-xogħol doppju u biex jiffrankaw il-ħin. Jista' jkun meħtieġ appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità sabiex jgħin ħalli tinħoloq sħubija rappreżentattiva u li tiffunzjona.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob lill-Istati Membri jiżguraw għażla miftuħa u trasparenti tal-imsieħba u li l-imsieħba magħżula huma konxji mid-dmirijiet tagħhom relatati mal-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess.

In-natura u d-daqs tas-sħubija se jiddependu fuq il-prijoritajiet politiċi li din qed tittratta u fuq iċ-ċirkustanzi territorjali. **L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jesiġi** li s-sħubija tkun tinkludi istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet u gruppi li jistgħu jinfluwenzaw jew jiġu affettwati mill-implimentazzjoni tal-programmi. Trid tingħata attenzjoni speċjali lil gruppi li jistgħu jiġu affettwati mill-programmi iżda li jsibuha bi tqila biex jinfluwenzawhom, b'mod partikolari dawk l-iżjed dgħajfa u marġinalizzati, bħall-persuni b'diżabbiltà, il-migranti, ir-Roma... Fis-sħubija huwa importanti li jitħeġġeġ il-pluraliżmu u li jissahħlu il-partijiet rilevanti differenti tas-settur pubbliku flimkien mal-organizzazzjonijiet tan-negozju, b'bażi komunitarja u volontarji, li jkopru tipi u daqsijiet differenti ta' organizzazzjonijiet u li jinkludu atturi innovattivi zġhar.

Fir-Rumanija, l-awtorità ta' ġestjoni tal-FSE kienet responsabbli mit-twettiq ta' analiżi kuntestwali qabel l-adeżjoni tal-pajjiż mal-UE. Dan id-dokument serva bħala d-dokument ewlieni tal-programmazzjoni għall-Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali (NSRF) u l-programmi operattivi. Kif ukoll il-ħtieġa li ssir ħidma fis-sħubija mal-iżjed atturi rilevanti tal-politika għall-eżerċizzju tal-programmazzjoni fuq livell nazzjonali, kien ċar li l-mekkaniżmi tas-sħubija fuq livelli reġjonali u lokali kienu meħtieġa biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-atturi għat-teħid tad-deċiżjoni u l-implimentazzjoni. Fi ħdan dan il-qafas, saret analiżi tal-kuntest dwar l-impjigi u l-inklużjoni soċjali f'kull reġjun, u din permezz ta' laqgħat u diskussjonijiet mal-atturi rilevanti fil-livell reġjonali u ta' kontea. Pereżempju fir-reġjun tal-Grigal kienu

involuti aktar minn 200 attur⁸.

Fl-Ungerija, il-metodoloġija għall-konsultazzjoni pubblika tal-NSRF instabet wara rakkomandazzjonijiet minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madwar 4000 organizzazzjoni tal-imsieħba, inklużi trejtdjunjins, gruppi għall-interess tal-impjegat u NGOs, rappreżentanti tan-negozju, l-edukazzjoni u x-xjenza, kienu mistiedna jagħtu parir dwar l-orjentazzjoni tal-NSRF u l-OPs. Il-pubbliku ġenerali seta' wkoll jaċċessa u jikkummenta dwar l-NSRF u l-OPs mill-paġna web. Ġew organizzati sessjonijiet ta' ħidma biex jiddiskutu l-abbozzi tal-verżjonijiet mal-imsieħba professjonali u soċjali rilevanti u r-rappreżentanti ministerjali⁹.

2.1. L-involviment tal-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra

Koperazzjoni eqreb bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali kollha tal-amministrazzjoni tiffavorixxi approċċ koerenti u integrat għall-implimentazzjoni tal-fondi. Bħala l-iżjed awtoritajiet pubbliċi qrib in-nies, l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom rwol ewlieni u interess kruċjali fit-twassil tal-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Kemm se ikun l-involviment tagħhom jiddependi fuq il-qafas istituzzjonali individwali ta' kull Stat Membru u, b'mod partikolari, fuq is-setgħat legali u baġitarji tal-livelli territorjali differenti fir-rigward tal-ambitu ta' applikazzjoni tal-fondi differenti. Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw assoċjazzjonijiet u netwerks eżistenti ta' awtoritajiet lokali, reġjonali u subreġjonali peress li dawn jistgħu joffru rappreżentanza wiesgħa u esperjenza Prattika.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ir-reġjuni għandhom rwol prominenti fis-sħubija billi jiġu involuti attivament fit-tħejjija tad-dokumenti strateġiċi u fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-QSK fil-livell nazzjonali. Ir-reġjuni, u b'mod partikolari dawk b'setgħat kostituzzjonali, ħafna drabi huma awtoritajiet ta' ġestjoni wkoll u għalhekk huma responsabbli milli jiżguraw l-involviment tal-imsieħba fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jesiġi li l-livelli territorjali eżistenti differenti fi Stat Membru, b'mod partikolari l-livell reġjonali, huma rappreżentati fis-sħubija u involuti fl-istadji differenti tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-QSK skont is-setgħat individwali tagħhom. Fejn ir-reġjuni huma l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Programmi, dawn għandhom jorganizzaw is-sħubija u jinvolvu awtoritajiet kompetenti lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, imsieħba ekonomiċi u soċjali u korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, inklużi msieħba ambjentali, organizzazzjonijiet mhux

⁸ Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija fil-FSE, Ktejjeb gwida "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet li jmxexxu l-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-sħubija), 2011.

⁹ Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija fil-FSE, Ktejjeb gwida "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet li jmxexxu l-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-sħubija), 2011.

governattivi u korpi responsabbli mill-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fit-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi.

Filwaqt li titqies l-iskala ġeografika tal-operazzjonijiet tal-interventi u l-interdipendenzi funzjonali bejn it-territorji differenti, **jista' jkun previst ukoll li l-ECCP jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob** lill-Istati Membri jiżguraw li **ż-żoni urbani, fejn se jsiru investimenti territorjali integrati (ITIs)**, ikunu involuti direttament fit-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm sabiex jinbena approċċ strateġiku xieraq li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-programmi.

Fir-Reġjun tal-Belt ta' Liverpool (ir-Renju Unit) inħoloq grupp tekniku sabiex jiżgura li l-proġetti kollha mogħtija taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jkunu tqiesu mir-Reġjun tal-Belt ta' Merseyside/Liverpool. Dan il-grupp tekniku jinkludi rappreżentanti mill-awtoritajiet pubbliċi lokali, is-settur privat, is-settur tal-edukazzjoni oġħla, is-setturi komunitarji u volontarji, l-awtorità tat-Trasport Pubbliku u l-Bord lokali għax-Xogħol u l-Ħiliet. Dan huwa appoġġat minn żewġ persunal lokali impjegati mill-finanzjament ta' assistenza teknika u mill-Awtorità ta' Ġestjoni, li jattendu l-laqgħat tal-grupp tekniku fil-kapaċità konsultattiva. Dan il-grupp tekniku jikkummenta dwar kull applikazzjoni tal-FEŻR, jidentifika prijoritajiet għall-appoġġ tal-FEŻR, jgħin biex jinħoloq konsorzju biex jiġu organizzati attivitajiet madwar ir-Reġjun tal-Belt ta' Liverpool (jiġifieri l-intraprenditorija, l-intrapriża soċjali, l-appoġġ għan-negozju, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini, eċċ.) u jista' jinfluwenza t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskemi JESSICA u JEREMIE stabbiliti fir-reġjun, eċċ.

2.2. L-involviment tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali

Id-djalogu mal-imsieħba soċjali huwa wieħed mill-pilastru tal-mudell soċjali Ewropew u huwa rikonoxxut hekk fl-Artikolu 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-imsieħba soċjali huma tassew differenti fin-natura minn organizzazzjonijiet oħra, bħal gruppi ta' pressjoni jew ta' interess, minħabba l-kapaċità tagħhom biex jieħdu sehem fin-negozjati kollettivi u għalhekk biex jinfluwenzaw l-istandards soċjali fl-Istat Membru tagħhom.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jispeċifika li l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali li huma rikonoxxuti b'mod nazzjonali, jiddaħħlu fis-sħubija, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet ġenerali tal-industrija kollha u l-organizzazzjonijiet settorjali. F'dan il-kuntest, trid tkun garantita rappreżentanza ugwali tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jesiġi involviment qawwi tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw l-SMEs, il-Kmamar tal-kummerċ, l-universitajiet u l-istituzzjonijiet tar-riċerka. Dawn huma msieħba ewlenin biex jitrawmu l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-kompetittività. L-interazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-QSK se tkun kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 fil-post — f'konformità mal-prijoritajiet ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Fl-aħħar nett jista' jkun previst li l-ECCP jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jiċċara li l-imsieħba ekonomiċi u soċjali huma gruppi jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interess ġenerali tal-industriji jew il-fergħat, tal-impjegaturi u l-impjegati, iżda fl-ebda każ ma jirrappreżentaw l-interessi ta' kumpanija, intrapriża jew grupp ekonomiku wieħed (il-kumpanija ewlenija jew is-sussidji).

Il-mudell tas-sħubija soċjali tradizzjonali tal-Awstrija huwa rifless fil-programmi tal-FSE u tal-FEŻR. L-imsieħba ekonomiċi u soċjali kienu involuti fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-NSRF (*STRAT.AT*) fi ħdan korp permanenti, il-Konferenza Awstrijaka dwar l-Ippjanar Spazjali (ÖROK). L-*STRAT.AT plus* huwa strument innovattiv għall-perjodu attwali ta' programmazzjoni. Dan huwa pjattaforma għal monitoraġġ strateġiku. Huwa għandu l-għan li joffri proċess minn isfel għal fuq għat-tagħlim u d-djalogu, bil-mira ta' sħubija wiesgħa biex jinħolqu strateġiji ġodda. Huma organizzati laqgħat regolari ta' djalogu ("Foren" u "Synergien") u skambji tal-esperjenza¹⁰.

2.3. L-involviment ta' korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u korpi responsabbli mill-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, partikolarment f'oqsma bħall-ambjent, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, għandhom jiġu kkonsultati u involuti fil-programmazzjoni.

Fejn in-numru ta' organizzazzjonijiet interessati – u għalhekk is-sħubija potenzjali — ikun partikolarment kbir, jista' jkun xieraq għall-imsieħba potenzjali biex joħolqu pjattaformi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet globali u biex jaħtru rappreżentant komuni ħalli jagħti sehemu fit-tnejn u fl-implimentazzjoni tal-programmi, sabiex tkun żgurata rappreżentanza usa' u sabiex is-sħubija taħdem iżjed mingħajr skossi.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jindika li l-għażla tal-imsieħba jrid ikun fiha l-iżjed organizzazzjonijiet mhux governattivi rappreżentattivi, li jitttrattaw l-oqsma tas-suġġetti koperti mill-fondi differenti. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi jridu jkunu ħielsa biex jaħtru r-rappreżentanti individwali tagħhom biex ikunu membri fis-sħubija. Fil-każ ta' għadd kbir ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi involuti, jistgħu jinħolqu pjattaformi biex jeleġġu rappreżentanti li jkunu membri fis-sħubija.

Fi Spanja, ingħarfet il-ħtieġa li tiġi integrata l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Fondi kollha. L-"Instituto de la Mujer" (l-Istitut tan-Nisa) kien involut bħala membru tal-Kumitati ta' Monitoraġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES). In-Netwerk għall-politika dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u

¹⁰ L-Opinjoni Esploratorja tal-KESE dwar "How to foster efficient partnership in the management of cohesion policy programmes, based on good practices from the 2007-2013 cycle", (kif se titrawwem sħubija effiċjenti fil-ġestjoni ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni, imsejsa fuq prattiċi tajbin miċ-ċiklu 2007-2013), CESE 967/2010.

l-irġiel inġoloq biex jiżgura implimentazzjoni reali u effettiva tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-interventi ffinanzjati mill-Fondi.

Fis-Slovenja ddaħħal finanzjament speċifiku, fi ħdan il-prijorità tal-FSE tal-"Kapaċità istituzzjonali u amministrattiva", għall-iżvilupp ta' NGOs u, b'mod partikolari, netwerks ta' NGOs. Eżempju wieħed ta' netwerks bħal dawn fuq il-livell nazzjonali huwa s-CNVOS, li huwa magħmul minn aktar minn 200 assoċjazzjoni. Is-CNVOS jappoġġa lill-NGOs fl-involviment tagħhom fil-fondi strutturali u jinnomina rappreżentanti tal-NGOs biex jieħdu sehem fil-komitati ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, inġolqu 10 netwerks reġjonali ta' NGOs sabiex irawmu l-iżvilupp ta' NGOs reġjonali u lokali u sabiex dawn ikunu jistgħu jagħtu sehemhom b'mod iżjed attiv għall-politiki pubbliċi. Sabiex jittejjeb id-djalogu f'oqsma speċifiċi (il-kultura, l-ambjent, is-saħħa, eċċ.), 12-il network tematiku jirċievu l-appoġġ ukoll¹¹.

2.4. Is-sħubija tiġi aġġustata għall-programmi

Għall-programmi tal-FAEŻR, l-imsieħba ewlenin se jkunu l-awtoritajiet reġjonali u lokali responsabbli miż-żoni rurali, l-organizzazzjonijiet settorjali, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali involuti fl-agrikoltura u l-forestrija, ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati oħra fis-setturi rilevanti għall-iżvilupp taż-żoni rurali, l-assoċjazzjonijiet reġjonali jew lokali tan-negozju, l-organizzazzjonijiet tan-nisa fiż-żoni rurali, l-NGOs ambjentali, l-NGOs responsabbli min-nondiskriminazzjoni/l-ugwaljanza, ir-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali (skont il-livell ta' programmazzjoni) tal-gruppi ta' azzjoni lokali li huma involuti fl-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, u l-assoċjazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-iżvilupp rurali integrat (fosthom l-assoċjazzjonijiet tal-aġenziji għall-iżvilupp lokali). Jista' jkun li dawn l-imsieħba jkunu diġà konnessi bin-Netzwerk Rurali Nazzjonali, u għalhekk dan jista' jappoġġa bil-qawwa l-prinċipju tas-sħubija.

Għall-programmi tal-FEMS jidhru kruċjali l-awtoritajiet reġjonali u lokali, ir-rappreżentanti tas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura u setturi sekondarji oħra bħall-ipproċessar, l-organizzazzjonijiet settorjali tal-imsieħba soċjali, l-NGOs ambjentali, l-organizzazzjonijiet tan-nisa fis-setturi tas-sajd, xjentifiċi u tar-riċerka, u netwerks nazzjonali jew reġjonali tal-gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd (FLAGs).

Għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, is-sħubijiet se jinkludu l-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'mod partikolari fil-bliet li jwettqu skemi għall-iżvilupp urban sostenibbli integrat bħala parti mill-investimenti territorjali integrati, flimkien mal-imsieħba ekonomiċi u soċjali, r-rappreżentanti tal-NGOs li jkunu żviluppaw kompetenza fi kwistjonijiet ġenerali bħall-ugwaljanza bejn is-sessi jew l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, u għas-setturi rilevanti fejn il-fondi huma attivi u r-rappreżentanti ta' universitajiet u istituzzjonijiet ta' riċerka, kmamar tal-kummerċ u organizzazzjonijiet tan-negozju.

Għall-FSE huwa essenzjali l-involviment tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali fis-sħubija. L-awtoritajiet reġjonali u lokali se jkunu msieħba ewlenin ukoll, bħalma se jkunu l-kmamar tal-kummerċ, l-organizzazzjonijiet tan-negozji, l-assoċjazzjonijiet tal-edukazzjoni tal-ħaddiema,

¹¹ L-istudju tal-SFteam għal Futur Sostenibbli "Why bother with partnership?" (Għaliex dan l-isforz kollu għal sħubija?), 2011.

l-istituzzjonijiet tal-eduazzjoni u t-taħriġ, il-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u soċjali, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet li jkunu żviluppaw kompetenza fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali li għandhom rabtiet mill-qrib ma' gruppi żvantaġġati bħall-persuni b'diżabbiltajiet, il-migranti, ir-Roma...

Fil-każ ta' programmi b'diversi fondi, is-sħubija għandha tinkludi l-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi li huma rilevanti għall-fondi differenti kkonċernati.

3. KIF SE JIĠU INVOLUTI L-IMSIEĦBA FIT-THEJJJA TAD-DOKUMENTI TAL-PROGRAMMAZZJONI?

L-involvement attiv tal-partijiet interessati kollha fl-istadji bikrija ħafna tal-programmazzjoni huwa kruċjali biex tirnexxi l-implimentazzjoni tal-fondi, b'mod partikolari bit-thejjja tal-Kuntratt tas-Sħubija fil-livell nazzjonali u tal-programmi fil-livelli nazzjonali u/jew reġjonali. L-involvement tal-imsieħba fit-thejjja tal-programmi għandu jsir bla ħsara għall-konsultazzjonijiet li saru skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS)¹². Jeħtieġ isir kull sforz biex tinħoloq sinerġija bejn l-opinjoni espressi waqt il-VAS u fil-kuntest tas-sħubija.

3.1. It-thejjja tal-Kuntratt tas-Sħubija u tal-programmi

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, il-Kuntratt tas-Sħubija u l-programmi jridu jiffasslu mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe awtorità maħtura minnhom (fil-każ tal-programmi), f'koperazzjoni mal-imsieħba. L-għażliet xierqa biex jiġu involuti gruppi differenti tal-partijiet interessati fil-proċess tat-tfassil iridu jittqiesu bir-reqqa skont iż-żmien, ir-riżorsi u l-kuntest u jistgħu jinkludu laqgħat, konsultazzjonijiet, sħarriġiet u sessjonijiet ta' ħidma.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob speċifikament li l-imsieħba huma involuti b'mod sinifikanti (i) fl-analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati mill-fondi tal-QSK, (ii) fl-għażla tal-għanijiet u l-prijoritajiet biex dawn jiġu indirizzati, u (iii) fil-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni mħaddma biex jisfruttaw is-sinerġiji bejn l-istrumenti differenti disponibbli biex irawmu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Fil-każijiet fejn saru ftehimiet, bħall-Patti Territorjali għall-Ewropa 2020, bejn il-livelli differenti tal-gvern tal-pajjiż¹³, **l-ECCP jista' wkoll jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob** lill-Istati Membri jqisu b'mod effettiv l-arranġamenti ta' governanza f'diversi livelli li ġew maqbuli fil-Patt Territorjali waqt it-thejjja tal-Kuntratt

¹² Id-Direttiva VAS 2001/42/KE.

¹³ Il-Patti Territorjali għall-Ewropa 2020 huma inizjattiva li ħa l-Kumitat tar-Reġjuni biex lill-Istrateġija Ewropa 2020 jagħtiha dimensjoni territorjali u jżid is-sjeda fil-livell subnazzjonali. Dawn huma definiti bħala ftehim bejn il-livelli differenti tal-gvern tal-pajjiż (lokali, reġjonali u nazzjonali). Il-partijiet li jiffirmaw Patt Territorjali jintrabu li jikkoordinaw u jissinkronizzaw l-aġendi politiċi tagħhom sabiex jiffukaw l-attivitatijiet u r-riżorsi finanzjarji tagħhom fuq l-għanijiet u l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-Patti Territorjali għandhom l-għan li: joħlqu miri nazzjonali, u possibbilment reġjonali, b'rikors, meta meħtieġ, għal indikaturi u miri, minbarra l-PDG; jimplementaw wieħed jew aktar mill-inizjattivi ewlenin; u jidentifikaw ostakli biex jintlaħqu l-miri fil-livell nazzjonali.

tas-Sħubija tagħhom biex jiżguraw li titwassal politika effettiva.

Fil-Latvja, f'Mejju tal-2005 u waqt it-tnejn tal-programmi, l-NGOs ambjentali stabbilixxew il-kolizzjoni nazzjonali tal-NGOs li tiffoka fuq kwistjonijiet ambjentali. F'bidmha kien hemm involuti attivament minn tmien sa għaxar NGOs ambjentali. Matul l-2005 u l-2006 saru laqgħat wiċċ imb wiċċ u skambji ta' opinjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tal-Ambjent, u dawn ħolqu interazzjoni attiva ħafna bejn ir-rappreżentanti tal-NGOs u l-ministeri. Kien hemm ukoll koperazzjoni mill-qrib bejn l-NGOs minn setturi varji, b'mod partikolari dawk li jitrattaw kwistjonijiet dwar l-edukazzjoni, is-sessi u soċjali. Parzjalment is-suċċess ta' dan l-involvement tal-NGOs kien minħabba l-opportunitajiet li taw l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni, inkluż l-għodod xierqa tal-informazzjoni, il-proċeduri ċari għall-parteċipazzjoni, bħall-proċess ta' konsultazzjoni pubbliku dwar l-abbozzi tad-dokumenti, u l-valutazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali. Inholq sit elettroniku speċjali li fih ġiet ippubblikata l-informazzjoni kollha relatata mal-programmazzjoni tal-fondi tal-UE. Il-laqgħat bejn l-NGOs u l-ministeri kienu orjentati skont id-domanda, jiġifieri l-NGOs ipproponew li jsiru laqgħat ta' konsultazzjoni u l-ministeri kienu reattivi, u minħabba f'hekk il-proċess ta' konsultazzjoni tħalla jmur lil hinn mill-formalitajiet¹⁴.

F'Malta, bosta gruppi ta' ħidma li jiffukaw fuq oqsma ta' prijorità – l-iżvilupp ekonomiku u l-kompettitività, l-aċċessibilità, l-ambjent, ix-xogħol u l-inklużjoni soċjali — ġew organizzati biex iħejju l-programmi. Dawn laqqgħu flimkien ministeri, NGOs u msieħba soċjo-ekonomiċi. Tqassmu kwestjonarji lill-partijiet interessati ewlenin u ġew organizzati laqgħat bilaterali. F'Settembru tal-2005 madwar 80 organizzazzjoni ħadu sehem fis-sessjoni nazzjonali ta' ħidma biex janalizzaw l-isfidi tal-iżvilupp u l-opportunitajiet. Il-gvernijiet lokali, NGOs u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili ħadu sehem fid-djalogi pubbliċi organizzati mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-ewwel kwart tal-2006.

3.2. Jinħolqu regoli ċari u skeda taż-żmien għall-ħidma tas-sħubija sa mill-bidu

L-importanza tal-partijiet interessati individwali u l-kontribuzzjoni li dawn jistgħu jagħmlu, se jvarjaw ħafna f'kull Stat Membru, u dan skont l-istruttura istituzzjonali interna tagħhom. Madankollu huwa kruċjali li s-sħubija tiġi organizzata b'mod trasparenti għall-imsieħba kollha u li kull min huwa involut ikun jaf x'inhu l-għan tas-sħubija, min qed jagħmel xiex, u liema riżultati huma mistennija mis-sħubija.

Għaldaqstant huwa rakkomandat ferm li jiġi stabbilit programm ta' ħidma b'għanijiet ċari u bi pjan direzzjonali preċiż. Dan jista' jelenka l-istrumenti u l-azzjoni speċifiċi biex jinvolvu l-imsieħba fit-tnejn tal-Kuntratt tas-Sħubija u l-programmi, u għalhekk jagħti dettalji dwar l-involvement tal-imsieħba fit-tnejn tad-dokumenti differenti tal-programmazzjoni bl-iskeda taż-żmien korrispondenti.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi fejn tidħol il-proċedura, sabiex jiżguraw (i) l-iżvelar f'waqtu tal-informazzjoni waqt id-dibattiti dwar dokumenti strateġiċi, (ii)

¹⁴ L-istudju tal-SFteam għal Futur Sostenibbli "Why bother with partnership?" (Għaliex dan l-isforz kollu għal sħubija?), 2011.

żmien biżżejjed għall-partijiet interessati biex janalizzaw, jikkonsultaw lill-membri u l-kostitwenti tagħhom u jagħtu rispons dwar id-dokumenti, (iii) kanali għall-partijiet interessati biex jistaqsu jew jikkumentaw u jissuġġerixxu, (iv) it-trasparenza fil-mod kif tqiesu l-proposti tagħhom, u jagħtu spjegazzjoni għall-aċċettazzjoni jew għaċ-ċaħda ta' xi kumment; u (v) it-tixrid tal-eżitu tal-konsultazzjoni. Trid titqies ukoll l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà għall-proċess kemm fejn jidħol l-ambjent fiżiku kif ukoll l-informazzjoni mogħtija.

3.3. Titwassal l-informazzjoni dwar il-mod kif is-sħubija hija implimentata fid-dokumenti tal-programmazzjoni

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, il-Kuntratt tas-Sħubija jrid jistipula l-azzjoni meħuda biex jiġi involuti l-imsieħba u r-rwol tagħhom fit-tnejn tal-Kuntratt tas-Sħubija.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob li l-Kuntratt tas-Sħubija u l-programmi, b'mod partikolari, jkun fihom fid-dettall: (i) il-lista tal-imsieħba li kienu involuti, ir-responsabbiltajiet tagħhom u sa fejn hađu sehem. (ii) kif ġew identifikati l-imsieħba u kif ġew applikati l-prinċipji tat-trasparenza u l-aċċessibbiltà. (iii) l-azzjoni li ttieħdet biex ikun faċilitat l-involviment wiesa' u l-parteciċipazzjoni attiva tal-imsieħba; (iv) l-istrutturi u l-proċeduri għal kordinazzjoni fil-programm u ma' operazzjonijiet oħra tal-fond tal-QSK; (v) kif se jintużaw ir-riżorsi għall-assistenza teknika biex jippromwovu s-sħubija (in-natura tas-servizzi tal-appoġġ maħsuba, il-livell tar-riżorsi disponibbli u l-arranġamenti ta' ġestjoni pjanati), (vi) u fl-aħħar nett jiġu dokumentati b'mod ċar u fil-miftuħ il-viżjonijiet tal-imsieħba dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija.

4. KIF SE JIĠU INVOLUTI L-IMSIEĦBA FIL-FAŻI TAL-IMPLIMENTAZZJONI?

4.1. Il-parteciċpazzjoni fil-Kumitati ta' Monitoraġġ

Il-Kumitati ta' Monitoraġġ għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programmi u huma naturalment iħaddnu s-sħubija waqt ħidmithom fil-programmi.

4.1.1. Il-kompożizzjoni tal-Kumitati ta' Monitoraġġ

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, il-membri tal-kumitati ta' monitoraġġ iridu jinħatru mill-Istat Membru bi qbil mal-awtorità ta' ġestjoni. Stat Membru jista' johlq kumitat waħdieni ta' monitoraġġ għall-programmi kofinanzjati mill-fondi tal-QSK. Il-kumitati ta' monitoraġġ irid ikun fihom rappreżentanti tal-awtorità ta' ġestjoni u l-korpi intermedji u rappreżentanti tal-imsieħba.

Jista' jkun previst li l-ECCP jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jesiġi li (i) l-għażla tal-membri fil-kumitati ta' monitoraġġ tqis l-imsieħba li kienu involuti fit-tnejn tal-programm sabiex tiżgura kontinwità biżżejjed u s-sjieda bejn il-frazzjonijiet tal-programmazzjoni u tal-implimentazzjoni, (ii) ir-rappreżentanza ta' msieħba differenti hija msejsa fuq ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-implimentazzjoni tal-programmi, (iii) l-imsieħba jagħżlu u jaħtru l-membri tagħhom stess tal-kumitati ta' monitoraġġ u korpi konsultattivi u gruppi ta' ħidma oħrajn stabbiliti fil-qafas tal-fondi tal-QSK, (iv) il-kumitati ta' monitoraġġ huma bbilanċjati bejn is-sessi u diversi fil-kompożizzjoni tagħhom, (v) il-lista tal-membri tal-kumitati ta' monitoraġġ u ta' gruppi ta' ħidma oħrajn ikunu disponibbli għall-pubbliku, (vi) kull sieħeb magħżul huwa konxju mid-dmirijiet tiegħu relatati mal-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess permezz ta' taħriġ speċifiku u formalizzazzjoni tal-obbligu tiegħu fi stqarrija ffirmata.

4.1.2. Ir-rwol u l-proċeduri tal-kumitati ta' monitoraġġ

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, il-kumitati ta' monitoraġġ se jirrevedi l-implimentazzjoni tal-programmi u l-progress għall-kisba tal-għanijiet tagħhom. Dawn iridu jeżaminaw ukoll fid-dettall il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-programmi. Huma għandhom jiġu kkonsultati u jagħtu opinjoni dwar kull emenda fil-programmi. Dawn iridu jagħtu rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi u l-evalwazzjonijiet tagħhom u jissorveljaw l-azzjoni li tittieħed minħabba f'hekk.

F'termini ta' proċedura, kull kumitat ta' monitoraġġ se jfassal u jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni tiddikjara wkoll li kull membru tal-kumitat ta' monitoraġġ se jkollu dritt għal vot, ħliet il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment li jaġixxi f'kapaċità konsultattiva. Il-president irid jiżgura li l-imsieħba kollha jkollhom l-opportunità biex jagħtu l-opinjoni tagħhom u li hemm biżżejjed ħin għad-diskussjoni. Huwa tassew rakkomandat li l-kumitati ta' monitoraġġ jieħdu d-deċiżjonijiet ibbażati fuq kunsens.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolamenti dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitolbu lill-Istati Membri jiddettaljaw fir-regoli tal-proċedura mill-inqas (i) l-iskadenzi tal-istediniet għal-laqgħat u t-trażmissjoni tad-dokumenti li għandhom ikunu mhux inqas minn ġimagħtejn, (ii) id-drittijiet għal vot tal-membri, (iii) il-proċedura għall-adozzjoni, il-pubblikazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-minuti, (iv) il-proċess trasparenti sabiex jinħolqu u jitħaddmu l-partijiet tax-xogħol, (v) u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-aċċessibbiltà tad-dokumenti ta' tħejjija mressqa lill-kumitati ta' monitoraġġ.

Fil-Ġermanja (Mecklenburg-Vorpommern), il-kumitat ta' monitoraġġ huwa forum għat-fassil tal-politika għall-iżvilupp reġjonali ġenerali. Dan ma jkoprix biss l-FSE u l-FEŻR iżda l-FAEŻR ukoll, u għandu influwenza reali fit-teħid tad-deċiżjoni dwar il-kriterji tal-għażla għall-proġetti. Il-kumitat ta' monitoraġġ jiltaqa' ħames jew sitt darbiet fis-sena u għandu r-regoli tiegħu stess ta' proċedura. Is-sistema tal-parteċipazzjoni fiha wkoll gruppi ta' ħidma u korpi konsultattivi oħrajn. Il-kompiti tagħhom ikunu deċiżi mis-shubija¹⁵.

Fid-Danimarka, id-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ għall-programm tal-iżvilupp rurali jittieħdu dejjem ibbażati fuq kunsens. Fil-prattika ma jittieħed l-ebda vot. Bl-istess mod, fil-programm **Pollakk** tal-iżvilupp rurali hemm parteċipazzjoni wiesgħa u attiva fil-kumitat ta' monitoraġġ, u fih jitħeġġu diskussjonijiet miftuħa waqt il-laqgħat u permezz tal-proċedura bil-miktub.

Fl-Irlanda, tista' tiġi nnutata koperazzjoni effettiva fil-kumitat ta' monitoraġġ għall-programm tal-FES: laqgħat regolari, rappreżentanza wiesgħa (madwar 50 membru), inkluż is-settur tas-sajd, NGOs u rappreżentanti lokali (Assi 4/Leader), parteċipazzjoni attiva u influwenza kbira fuq id-deċiżjonijiet mill-membri kollha. Qabel l-approvazzjoni tal-programm, l-istess imsieħba ġew assoċjati bis-sħiħ fit-tħejjija tad-dokumenti tal-programmazzjoni (il-pjan strateġiku nazzjonali (NSP) u l-programm operattiv (OP)).

4.2. Il-parteċipazzjoni fl-għażla tal-proġetti

Jista' jkun siewi li tintuża l-kompetenza tal-partijiet interessati waqt id-definizzjoni tas-sejthiet għal proposti u li jiġu evalwati l-proposti li jirriżultaw. Il-parteċipazzjoni fil-proċessi tal-għażla tal-proġetti tgħin lill-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati biex jifhmu aħjar kif jaħdmu fil-prattika dawn il-proċessi, inkluż kemm tfasslu tajjeb il-kriterji tal-evalwazzjoni, kif huma applikati u kemm se jilhqqu l-iskop tagħhom¹⁶.

Madankollu, l-involvement tal-imsieħba fil-proċess tal-għażla jqajjem il-mistoqsija tal-konflitti ta' interess. F'dan ir-rigward, l-iżvelar u t-trasparenza matul il-proċess huma kritiċi biex jevitaw dawn is-sitwazzjonijiet.

¹⁵ L-appendiċi tal-Opinjoni Esploratorja tal-KESE dwar "How to foster efficient partnership in the management of cohesion policy programmes, based on good practices from the 2007-2013 cycle", (kif se titrawwem sħubija effiċjenti fil-ġestjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, imsejsa fuq prattiċi tajbin miċ-ċiklu 2007-2013), CESE 967/2010.

¹⁶ L-istudju tal-SFteam għal Futur Sostenibbli "Why bother with partnership?" (Għaliex dan l-isforz kollu għal sħubija?), 2011.

Jista' jkun previst li l-ECCP jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex (i) fejn xieraq jinvolvu lill-imsieħba fid-definizzjoni tas-sejħiet għal proposti u fl-evalwazzjoni tal-proposti, (ii) permezz ta' proċeduri ċari stabbiliti minn qabel, jevitaw li kwalunkwe persuna li tirrappreżenta l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba u li għandha interess dirett jew indirett f'xi entità li qed tiegħu sehem fis-sejħiet għal proposti, milli tkun involuta fil-proċess tat-tfassil tas-sejħiet għal proposti u fil-valutazzjoni tat-tweġibiet li jirriżultaw, (iii) jorganizzaw dawran regolari ta' dawk involuti fis-sejħiet għal proposti biex jiġu evitati u indirizzati kunflitti ta' interess possibbli, (iv) u jiżguraw li kull sieħeb magħżul huwa konxju mid-dmirijiet tiegħu relatati mal-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess permezz ta' taħriġ speċifiku u formalizzazzjoni tal-obbligu tiegħu fi stqarrija ffirmata.

Fir-Repubblika Ċeka, għall-programm operattiv tal-FSE dwar "Ir-Riżorsi Umani u x-Xogħol", il-partijiet interessati huma involuti fit-tnejn ta' skemi individwali ta' għotjiet billi jressqu l-kummenti tagħhom jew jiddiskutu l-iskemi fi gruppi ta' ħidma tal-esperti. Il-lista dettaljata tal-partijiet interessati involuti tiddependi fuq il-kontenut tal-iskema. Inħolqot bażi ta' dejta li telenka l-evalwaturi kollha tal-proġetti u tippermetti ħidma onlajn. Lill-evalwaturi tal-proġett qed jingħatalhom taħriġ ġenerali u speċifiku¹⁷.

Fl-Isvezja, is-šhubijiet tal-fondi strutturali fil-livell reġjonali huma magħmulin minn politiċi (maġġuri) reġjonali/lokali u minn kampjun wiesa'. Is-šhubijiet għandhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-FEŻR u tal-FSE, billi huma responsabbli biex jipprijoritizzaw l-applikazzjonijiet waqt l-għażla tal-proġetti. Għalhekk dawn jistgħu jagħtu prijorità lil proġetti li jirrispondu l-aħjar għall-pjanijiet tal-iżvilupp reġjonali u għall-ħtiġijiet reġjonali. It-tmien šhubijiet tal-fondi strutturali fl-Isvezja huma bbażati fuq kunsens u joħolqu sinerġiji bejn il-proġetti tal-FEŻR u tal-FSE.

4.3. L-involviment fir-rappurtar

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-perjodu li ġej ta' programmazzjoni jobbligaw l-Istati Membri biex iressqu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' kull programm. Il-kumitati ta' monitoraġġ se jqsu u japprovaw ir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni qabel dawn jitressqu lill-Kummissjoni. Għall-FEŻR, il-FK u l-FSE, ir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni mressqa fl-2017 u fl-2019 għandhom jivvalutaw ukoll, fost il-punti l-oħra, l-involviment tal-imsieħba fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi operattivi.

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni żżid li l-imsieħba għandhom jiġu kkonsultati fuq ir-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Kuntratti tas-Šhubija mressqa mill-Istat Membru fl-ewwel nofs tal-2017 u tal-2019. Ir-rapporti ta' progress se jkunu s-sies tar-reviżjoni tal-prestazzjoni li se tiegħu l-Kummissjoni f'koperazzjoni mal-Istati Membri b'referenza għall-qafas ta' prestazzjoni stipulat fil-Kuntratt tas-Šhubija u fil-programmi. Ir-rapporti ta' progress għandhom jistipulaw ukoll informazzjoni dwar u jivvalutaw ir-rwol tal-imsieħba fl-implimentazzjoni tal-Kuntratt tas-Šhubija.

¹⁷ Komunità ta' Prattika dwar is-Šhubija fil-FSE, Ktejjeb gwida "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet li jmessu l-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-šhubija), 2011.

L-ECCP jista' jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jassoċjaw attivament lill-imsieħba, permezz tal-kumitati ta' monitoraġġ, fit-tħejjija tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, u billi jitlob lill-Istati Membri biex jassoċjaw attivament lill-imsieħba fit-tħejjija tar-rapporti ta' progress fl-2017 u fl-2019 u biex fir-rapporti tingħata ħarsa ġenerali tal-opinjoni li taw l-imsieħba waqt il-konsultazzjoni u l-mod kif dawn tqiesu.

5. KIF SE JIĠU INVOLUTI L-IMSIEĦBA FL-EVALWAZZJONI?

Huwa importanti li l-imsieħba jiġu involuti fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjonijiet ta' segwitu sabiex ikunu żgurati l-imparzjalità u t-tagħlim għal daww kollha involuti fil-proċess.

Skont il-proposti tal-Kummissjoni għall-fondi tal-QSK, l-awtorità ta' ġestjoni trid tfassal pjan ta' evalwazzjoni għal kull programm. Il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun diskuss mis-sħubija fil-kumitati ta' monitoraġġ għall-FEŻR, il-FK, il-FSE u l-FEMS. Fil-każ tal-FAEŻR, pjan ta' evalwazzjoni, li għalih il-Kummissjoni se tistabilixxi r-rekwiżiti minimi, huwa preżentat bħala parti minn kull programm tal-iżvilupp rurali u għalhekk se jkun ġie diskuss mill-imsieħba waqt it-tħejjija tal-programmi.

Is-sħubija trid teżamina regolarment, permezz tal-kumitati ta' monitoraġġ, il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni. L-imsieħba se jirċievu l-evalwazzjonijiet kollha li saru dwar il-programmi differenti u se jkunu mgħarrfa dwar is-segwitu li ngħata għas-sejbiet tal-evalwazzjonijiet għall-FEŻR, il-FK, il-FSE u l-FEMS. Il-kumitati ta' monitoraġġ responsabbli mill-programmi tal-FAEŻR se jeżaminaw l-attivitajiet u l-eżiti relatati mal-pjan ta' evalwazzjoni tal-programm.

Għall-FSE, l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, l-awtoritajiet ta' ġestjoni jridu jressqu lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2020, għal kull programm, rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet li saru matul il-perjodu tal-programmazzjoni.

Jista' jkun previst li l-ECCP jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni biex jinvolvu lill-imsieħba fil-proċess ta' evalwazzjoni permezz tal-kumitati ta' monitoraġġ, minn meta jiġu stabbiliti t-termini ta' referenza sa tmiem l-evalwazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jkunu meħtieġa wkoll biex jagħmlu evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-effettività tal-prinċipju tas-sħubija matul il-perjodu ta' programmazzjoni fost il-fondi u l-programmi. Fl-aħħar nett, l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għall-programmi tal-FEŻR, l-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni jistgħu jintalbu jikkonsultaw l-imsieħba fuq ir-rapporti li jiġbru fil-qosor is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet li saru matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

Fir-Renju Unit, is-Sottokumitat ta' Evalwazzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Programmi tal-FSE għall-Ingilterra jiltaqa' darba fis-sena. Dan fih membri nominati mill-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Programmi tal-FSE. Fl-ispirtu tas-sħubija, il-membri tas-Sottokumitat ta' Evalwazzjoni ġew ikkonsultati dwar l-istrateġija għall-evalwazzjoni tal-programm operattiv u huma involuti attivament fid-diskussjoni u fl-għoti tar-reazzjonijiet dwar kwistjonijiet ewlenin

relatati mal-istadji kollha tal-evalwazzjoni tal-proġetti. Is-Sottokumitat ta' Evalwazzjoni jista' jissuġġerixxi rappreżentanti biex jieħdu sehem fi gruppi ta' tmexxija għal diversi evalwazzjonijiet.

Fil-Portugall, l-imsieħba huma intervistati mill-evalwaturi indipendenti tal-NSRF. L-imsieħba fil-kumitati ta' monitoraġġ għandhom l-opportunità wkoll li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar ir-rapporti ta' evalwazzjoni, billi dawn ir-rapporti huma diskussi waqt il-laqgħat tal-kumitati. Barra minn hekk, xi msieħba differenti għamlu kontribuzzjoni sostanzjali fil-Pjan ta' Azzjoni li kellu jtfassal biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti ta' evalwazzjoni.

6. ASSISTENZA LILL-IMSIIEHBA

Implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju tas-sħubija tfisser li tagħti s-setgħa lill-imsieħba kollha, b'mod partikolari lil dawk b'riżorsi umani limitati.

Xi partijiet interessati jsibuha bi tqila biex jaħdmu fi sħubija għax ma jkollhomx l-għarfien jew ir-riżorsi biex jimpenjaw ruħhom attivament. B'mod partikolari dan huwa l-każ għal atturi żgħar, li jeħtiġilhom iħarrġu lill-meniġers tagħhom u lill-impjegati tagħhom, jew għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw kwistjoni emerġenti jew ġenerali li għadha mhix integrata fl-aġenda politika. Għaldaqstant it-tisħiħ kontinwu tal-kapaċità huwa kruċjali għall-imsieħba.

Jista' jkun previst li l-ECCP jissupplimenta r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni billi jitlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jużaw parti mill-assistenza teknika tagħhom tal-perjodi attwali u futuri ta' programmazzjoni ħalli jiżguraw li l-imsieħba, partikolarment l-awtoritajiet lokali żgħar, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u l-NGOs, għandhom il-kapaċità meħtieġa biex jieħdu sehem fit-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Kuntratt tas-Sħubija u l-programmi. Dan l-appoġġ jista' jieħu l-għamla ta' sessjonijiet ta' ħidma apposta, sessjonijiet ta' taħriġ, koordinazzjoni u strutturi ta' networks jew kontribuzzjonijiet għall-kostijiet li ġarrbu l-imsieħba biex hađu sehem fil-laqgħat relatati mat-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi. Sabiex jitħeġġeġ attivament l-iżvilupp ta' sħubija, huwa rakkomandat li jsir taħriġ konġunt bejn l-imsieħba pubbliċi u privati. Huwa partikolarment rakkomandat li titqajjem kuxjenza fost l-imsieħba individwali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda.

Fin-nofsinar tal-Italja ġiet stabbilita struttura ta' appoġġ iffinanzjata mill-assistenza teknika sabiex jittejjeb l-involviment tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali fil-programmi reġjonali u settorjali¹⁸. Fin-Nofsinar tal-Italja, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali xorta ħolqu u mexxew b'suċċess proġett ta' assistenza teknika matul il-perjodu mill-2000 sal-2006, iffinanzjat mill-FEŻR u li jiffoka fuq it-titjib tal-għarfien tagħhom dwar il-programmi tal-iżvilupp u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom biex jieħdu sehem. Dan il-proġett huwa Prattika tajba, kemm għall-governanza tiegħu kif ukoll għar-riżultati miksuba. Dan issokta fil-perjodu attwali.

¹⁸ Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija fil-FSE, Ktejjeb gwida "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet li jmxexxu l-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-sħubija), 2011.

Fis-**Slovakkja**, fil-kuntest tal-programm operattiv dwar "Is-Saħħa" iffinanzjat mill-FEŻR, l-awtorità ta' ġestjoni talbet lill-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ biex jimlew kwestjonarju dwar il-funzjonament tal-kumitat ta' monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-OP. Din il-konsultazzjoni wasslet biex ġew emendati r-regoli ta' eliġibbiltà għal assistenza teknika sabiex iħallu membri mill-kumitat ta' ġestjoni jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-kura tas-saħħa u l-fondi strutturali tal-UE.

7. SKAMBJU KONTINWU TA' PRATTIĊI TAJBA

Organizzazzjonijiet globali tematiċi u NGOs, imsieħba u netwerks soċjo-ekonomiċi u assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-awtoritajiet lokali, urbani u reġjonali, kollha jaħdmu fil-livell ta' UE dwar il-politika ta' koeżjoni, bħalissa qed jieħdu sehem f'laqgħat ta' djalogu strutturat organizzati mill-Kummissjoni biex jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-fondi tal-QSK. Dawn jistgħu jkunu s-sies għal-laqgħat formali tal-futur li jridu jiġu organizzati wara l-2013 skont l-Artikolu 5(4).

Barra minn hekk, skambji regolari ta' esperjenza u l-aħjar prattika se jiġu mħeġġa fil-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF), il-Kumitat tal-Fond Soċjali Ewropew, il-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd. In-netwerks fl-UE tal-uffiċjali tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (INFORM għall-FEŻR u l-FK u INIO għall-FSE) se jintużaw għall-iskambji ta' prattika tajba dwar kif tingħata viżibbiltà lill-politika ta' koeżjoni, notevolment permezz ta' aċċess aktar faċli għall-informazzjoni (pubblikazzjoni tal-lista ta' operazzjonijiet u beneficijarji, deskrizzjonijiet tal-operazzjonijiet u fittiexa mtejbja). Fil-każ tal-FAEŻR, in-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali u n-netwerk rurali nazzjonali stabbiliti f'kull Stat Membru għandu l-għan, fost l-oħrajn, li jżid l-involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-iżvilupp rurali.

Biex jiffaċilitaw sħubija dwar temi speċifiċi, għandhom jitħeġġu skambji ta' fehmiet u koperazzjoni fi ħdan netwerks tematiċi eżistenti bħan-Network Ewropew tal-Awtoritajiet Ambjentali u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għall-politika ta' koeżjoni (ENEA-MA) u n-networks Ewropej u nazzjonali għall-iżvilupp rurali.

L-awtoritajiet ta' ġestjoni interessati se jitħeġġu wkoll biex jistabilixxu Komunità ta' Prattika (CoP) dwar is-Sħubija komuni għal ħames fondi, immudellata fuq is-CoP attwali dwar is-Sħubija, ifffinanzjata mill-FSE.

Il-Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija, ifffinanzjata mill-FSE, kienet netwerk tal-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-FSE u korpi intermedji minn disa' Stati Membri. Matul il-perjodu ta' tliet snin (2008-2011), is-CoP skambjat b'mod intensiv it-tagħlim dwar modi differenti għall-implimentazzjoni tas-sħubija bil-metodu ta' reviżjoni msejjaħ "ħabib kritiku". In-netwerk jiffoka fuq sħubijiet adottati minn programmi operattivi nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri u r-reġjuni. Il-membri tas-CoP skambjaw u tgħallmu dwar il-modi tagħhom kif jimplementaw is-sħubiji, b'enfasi speċjali fuq il-proċessi ta' governanza u l-azzjoni. Il-baġit tas-CoP kien kofinanzjat mill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. In-netwerk ħoloq bosta rapporti ewlenin tal-lezzjonijiet, mexxa portal fuq l-internet li fih bażi ta' dejta dwar l-esperjenzi tas-sħubija u ppubblika manwal ta' tagħlimiet mis-sħubiji fil-bidu tal-2012.

In-Netwerk Ewropew tal-Awtoritajiet Ambjentali għall-politika ta' koeżjoni (ENEA) kien stabbilit f'Settembru 2004, sabiex jgħin biex jintegraw il-politiki għall-iżvilupp ambjentali u sostenibbli fil-programmi operattivi tal-politika ta' koeżjoni tal-Istati Membri fl-UE u l-pajjiżi kandidati. Fl-2010, is-sħubija ġiet estiża għall-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni. L-ENEA-MA għandha l-kompiti li trawwem skambji ta' esperjenza u identifikazzjoni ta' prattiċi tajba fost l-awtoritajiet ambjentali rilevanti u li kulfejn possibbli tippromwovi netwerks nazzjonali tal-awtoritajiet ambjentali li jittrattaw il-fondi

strutturali u ta' koeżjoni. F'dan ir-rigward, bosta Stati Membri bħal Spanja, il-Polonja, il-Greċja, l-Italja jew il-Ġermanja ħolqu netwerks bħal dawn fil-livell nazzjonali. NGOs ambjentali huma membri fl-ENEA-MA u jieħdu sehem attivament fil-laqgħat tiegħu.

Bibjografija

- White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Governanza Ewropea, COM(2001) 428 finali.
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar governanza tajba fir-rigward tal-politika reġjonali tal-UE: proċeduri ta' assistenza u kontroll mill-Kummissjoni Ewropea P7_TA(2010)0468.
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-governanza u s-šhubija fil-livell nazzjonali u reġjonali u bażi għall-proġetti fil-qasam tal-politika reġjonali P6_TA(2008)0492.
- Opinjoni Esploratorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "How to foster efficient partnership in the management of cohesion policy programmes, based on good practices from the 2007-2013 cycle", (kif se titrawwem šhubija effiċjenti fil-ġestjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, imsejsa fuq prattiċi tajbin miċ-ċiklu 2007-2013)
CESE 967/2010
- White Paper tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-governanza f'diversi livelli, CdR 89/2009 finali.
- Dokument ta' diskussjoni tal-Kummissjoni Ewropea (Id-DĠ REGIO), "Partnership in the 2000-2006 programming period analysis of the implementation of the partnership principle", (Šhubija fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, analiżi tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-šhubija", Novembru 2005.
- Il-forum għas-šhubijiet u l-governanza lokali tal-programm LEED tal-OECD, "Successful partnerships — a guide", (Šhubiji suċċess — gwida), Jannar 2006.
- Grupp ta' ħidma *ad hoc* tal-Istati Membri dwar is-Šhubija, "The principle of partnership in the new ESF programmes (2007-2013)", (Il-prinċipju tas-šhubija fil-programmi l-ġodda tal-FSE (2007-2013)), Ġunju 2006.
- Il-forum għas-šhubijiet u l-governanza lokali tal-programm LEED tal-OECD, "Vienna Action Statement on Partnerships", (Stqarrija ta' Azzjoni ta' Vjenna dwar is-Šhubiji), Frar 2010.
- Komunità ta' Prattika dwar is-Šhubija fil-FSE, Ktejjeb gwida "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet li jmexxu l-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-šhubija), 2011.
- L-istudju tal-SFteam għal Futur Sostenibbli "Why bother with partnership?" (Għaliex dan l-isforz kollu għal šhubija?), 2011.
- Analiżijiet interni mill-persunal tal-Kummissjoni (eż. evalwazzjoni interim tal-FES).